



Brussell, 16 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11788/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0228(COD)**

**CODEC 1212
UK 203
TRANS 545**

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2222 li jestendi l-perijodu ta' validità taċ-ċertifikati ta' sikurezza u l-liċenzji ta' impriżi ferrovjarji li joperaw permezz taċ-Channel Fixed Link (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 91(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġie kkonsultat.
4. Fl-1 ta' Settembru 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva t-test ta' kompromess li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew u awtorizza lill-Presidenza biex tibgħat ittra lill-President tal-Kumitat TRAN li tiddikjara li jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma ppreżentata f'dik l-ittra, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill imbagħad japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

¹ 10787/21.

5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-15 ta' Settembru 2021².
6. Fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Settembru 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jistieden lill-Kunsill biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tidher fid-dokument PE-CONS 62/21 bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.
7. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument PE-CONS 62/21.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

² 11760/21.